V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10625 - CARLYLE GROUP / MACQUARIE GROUP / HYCC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 85/06)

1. Fil-15 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nobian Industrial Chemicals B.V. ("Nobian", in-Netherlands), ikkontrollata minn Carlyle Group ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Norgh Holding Company Limited ("Norgh", ir-Renju Unit), li min-naħa tagħha hija kkontrollata minn Green Investment Group Limited ("GIG", ir-Renju Unit), li min-naħa tagħha hija kkontrollata minn Macquarie Group Limited ("Macquarie", l-Awstralja);

— HyCC Holding B.V. (joint venture, "JV", in-Netherlands).

Nobian u Norgh jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Nobian tipproduċi kimiċi bażiċi essenzjali għall-industriji li jvarjaw mill-kostruzzjoni u t-tindif sal-farmaċewtiċi u t-trattament tal-ilma. Il-kumpanija prinċipali tagħha Carlyle hija korporazzjoni Amerikana ta' ekwità privata multinazzjonali, ġestjoni alternattiva tal-assi u servizzi finanzjarji;

— GIG, il-kumpanija prinċipali ta' Norgh, hija żviluppatur speċjalizzat, sponsor u investitur b'missjoni li taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika, bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Edinburgh, l-Iskozja. GIG hija kkontrollata minn Macquarie, bank ta' investiment multinazzjonali indipendenti u kumpanija ta' servizzi finanzjarji, bil-kwartieri ġenerali u elenkata fl-Awstralja.

— L-impriża bi sħab (joint venture, JV) se tkun attiva fil-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10625 - CARLYLE GROUP / MACQUARIE GROUP / HYCC

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.